# Awtobijografija

Stanley Colombo

Fid-Dalma l'hawn madwari,
Ta' dal-ġuf jien ħolqien,
ingawdi l-ftit mumenti,
napprezza li jien Jien.

Naf ċert illi hemm barra,
għalkemm jien ma narax,
il-Mewt qed tistennieni,
u jiesha ma taqtax.

Barra t-Tieqa Zokk qed jigref,
bi dwiefer misnunin,
nisimgħu qed jheddidni,
bla ħniena w bla waqfien.

Is-skiet jikser ir-Riefnu,
jimbotta lill-ħitan,
biex lili jfarrakni,
ħadd daqsu m'hawn setgħan.

Hawn hu daħal għalija,
l-istorbju wgigħ f'widnejja,
bla ħniena jċarrat laħmi,
Ma, ejja żommli jdejja!

Bil-mod iss'ed innemnem,
it-Tmiem tiegħi huwa qrib,
u għalkemm fommi
jitbexxaq
ħadd ma jisimgħu l-krib …